5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq li l-eżenzjoni ta’ 75 % prevista fl-Artikolu 371ID tat-Taxation (International and Other Provisions) Act 2010 [il-Liġi dwar id-Dispożizzjonijiet Fiskali (Internazzjonali u Oħrajn) tal-2010] hija ġġustifikata min-natura u mill-istruttura ġenerali tas-sistema fiskali.

6. Is-sitt motiv, ibbażat fuq li l-eċċezzjoni tal-“interess konkordanti” prevista fl-Artikolu 371IE tat-Taxation (International and Other Provisions) Act 2010 [il-Liġi dwar id-Dispożizzjonijiet Fiskali (Internazzjonali u Oħrajn) tal-2010] hija ġġustifikata min-natura u mill-istruttura ġenerali tas-sistema fiskali.

7. Is-seba’ motiv, ibbażat fuq li l-impożizzjoni ta’ piż fiskali fuq il-KBK tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-eżenzjonijiet previsti fil-Kapitolu 9 tal-Parti 9A tat-Taxation (International and Other Provisions) Act 2010 [il-Liġi dwar id-Dispożizzjonijiet Fiskali (Internazzjonali u Oħrajn) tal-2010] bħala klassi li tikser il-libertà ta’ stabbiliment tar-rikorrenti stabbilita fl-Artikolu 49 TFUE.

8. It-tmien motiv, ibbażat fuq it-twettiq ta’ żball manifest ta’ evalwazzjoni li jikkonċerna l-eżenjoni ta’ 75 % u l-kwistjoni tal-proporzjon fiss.

9. Id-disa’ motiv, ibbażat fuq li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni ma tosservax il-prinċipju ġenerali tal-Unjoni ta’ nondiskriminazzjoni jew ta’ ugwaljanza.

10. L-għaxar motiv, ibbażat fuq li l-Kummissjoni wettqet ukoll żball ta’ liġi meta applikat b’analoġija d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164 [1] jew billi bbażat b’mod inġustifikat fuqhom, meta din ma kinitx applikabbli *ratione temporis*.

11. Il-ħdax-il motiv, ibbażat fuq li l-Kummissjoni wettqet żball ta’ liġi meta applikat l-Artikolu 107(1) TFUE meta kkonstatat fil-premessa 176 tad-deċiżjoni kkontestata li kategorija ta’ benefiċjarji teżisti (inklużi r-rikorrenti) u li r-rikorrenti kisbu għajnuna li kellha tiġi rkuprata skont l-Artikolu 2(1) tad-deċiżjoni kkontestata.

(1) Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164 tat-12 ta’ Lulju 2016 li tistabbilixxi regoli kontra l-prattiki ta’ evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern (ĠU 2016, L 193, p. 1).

---

**Rikors ippreżentat fl-4 ta’ Lulju 2019 — AstraZeneca et vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-476/18)**

(2019/C 312/20)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* AstraZeneca plc (Cambridge, ir-Renju Unit), AstraZeneca Treasury Ltd (Cambridge) u AstraZeneca Intermediate Holdings Ltd (Cambridge) (rappreżentanti: J. Lesar, Solicitor u K. Beal, QC)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti jitlobu li l-Qorti Ġenerali joghġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C(2019) 2526, tat-2 ta’ April 2019, dwar l-għajnuna mill-Istat SA.44896 implimentata mir-Renju Unit sa fejn tikkonċerna ċ-CFC Group Financing Exemption (l-eżenzjoni fuq il-finanzjament tal-gruppi fil-kuntest tar-regoli relatati mal-kumpanniji barranin ikkontrollati);

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti jinvokaw disa' motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq li l-Kummissjoni applikat b'mod żbaljat l-Artikolu 107(1) TFUE u/jew wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta għażlet il-qafas ta' referenza għall-analiżi tas-sistema fiskali. Il-Kummissjoni kellha tieħu s-sistema Brittanika ta' ntaxxar tal-kumpanniji bħala qafas ta' referenza, u mhux biss is-sistema tal-kumpanniji barranin ikkontrollati (KBK).

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta applikat l-Artikolu 107(1) TFUE u/jew wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni billi segwiet approċċ żbaljat għall-analiżi tas-sistema tal-KBK. Fil-premessi 124 sa 126 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkunsidrat b'mod żbaljat id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 9 tal-Parti 9A tat-Taxation (International and Other Provisions) Act 2010 [il-Liġi dwar id-Dispożizzjonijiet Fiskali (Internazzjonali u Oħrajn) tal-2010] tar-Renju Unit bħala tip ta' deroga għal taxxa ġenerali li tinsab fil-Kapitolu 5 ta' din il-liġi.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta applikat l-Artikolu 107(1) TFUE meta kkonstatat, fil-premessi 127 sa 151 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-kriterju ta' selettività kien issodisfatt sa fejn impriżi li kienu jinsabu f'sitwazzjonijiet fattwali u legali paragunabbli kienu ttrattati b'mod differenti.

4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq li l-eżenzjoni ta' 75 % prevista fl-Artikolu 371ID tat-Taxation (International and Other Provisions) Act 2010 [il-Liġi dwar id-Dispożizzjonijiet Fiskali (Internazzjonali u Oħrajn) tal-2010] hija ġġustifikata min-natura u mill-istruttura ġenerali tas-sistema fiskali.

5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq li l-impożizzjoni ta' piż fiskali fuq il-KBK tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-eżenzjonijiet previsti fil-Kapitolu 9 tal-Parti 9A tat-Taxation (International and Other Provisions) Act 2010 [il-Liġi dwar id-Dispożizzjonijiet Fiskali (Internazzjonali u Oħrajn) tal-2010] tar-Renju Unit bħala klassi li tikser il-libertà ta' stabbiliment tar-rikorrenti stabbilita fl-Artikolu 49 TFUE.

6. Is-sitt motiv, ibbażat fuq it-twettiq ta' żball manifest ta' evalwazzjoni li jikkonċerna l-eżenjoni ta' 75 % u l-kwistjoni tal-proporzjon fiss.

7. Is-seba' motiv, ibbażat fuq li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni ma tosservax il-prinċipju ġenerali tal-Unjoni ta' nondiskriminazzjoni jew ta' ugwaljanza.

8. It-tmien motiv, ibbażat fuq li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta applikat b'analoġija d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164 ([1]) jew billi bbażat b'mod inġustifikat fuqhom, meta din ma kinitx applikabbli *ratione temporis*.

9. Id-disa' motiv, ibbażat fuq li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta applikat l-Artikolu 107(1) TFUE meta kkonstatat fil-premessa 176 tad-deċiżjoni kkontestata li kategorija ta' benefiċjarji teżisti (inklużi r-rikorrenti) u li r-rikorrenti kisbu għajnuna li kellha tiġi rkuprata skont l-Artikolu 2(1) tad-deċiżjoni kkontestata.

([1]) Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164 tat-12 ta' Lulju 2016 li tistabbilixxi regoli kontra l-prattiki ta' evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern (ĠU 2016, L 193, p. 1).